## Laqgħa Ġenerali Annwali

Il-laqgħa ġenerali annwali ser issir nhar il-Ħadd 26 ta' Settembru 2010 fid-9:30am, kif jitlob l-istatut. Il-laqgħa tibda nofs siegħħ tard bil-membri preżenti jekk ma jkunx hemm quorum.

Maċ-ċċrkolari li qed nibagħtulek, għandek issib xi emendi fl-istatut li l-kumitat qed jipproponi li jagħmel. Għalhekk nistiednek li tifli sewwa l-proposti tagħna sabiex fil-laqgha ġenerali żewg terzi tal-membri prezenti ikunu jistgħu jgħaddu vot sabiex dawn l-emendi jit-niżżlu fl-istatut tas-socjeta`.

### Programm

Talba
Ftuħ mill-president tas-soċjeta`
Rapport Amministrattiv mis-segretarju
Rapport Finanzjarju mill-Kaxxier
Korrispondenza (jekk ikun hemm)
Emendi għall-istatut
Diskussjoni

Minn hawn qed inħeggu lil dawk il-membri li jixtiequ jagħmlu xi emenda, adenda jew xi suġġerimenti oħra, sabiex jiġi diskuss f'din il-laqgħa, nistiednu li jagħmlu dan bil-miktub lis-segretarju sa mhux aktar tard mill-15 ta' Settembru. Dawk l-ittri li jaslu wara din id-data ma jinqrawx fil-laqgha, iżda jiġu diskussi fil-laqgħa tal-kumitat ta' wara l-laqgha ġenerali.

Dawk kollha li jixtiequ jirregolaw irwieħhom fil-menswalita` jistgħu jagħmlu dan qabel jew wara l-laqgha stess.

### Fil-Harga li jmiss ta' "Il-Bandist"

* Attivitajiet li gejjin
* Rokna gdida 'Mill-Vetrina' u aktar ahbarijiet

www.bandakuncizzjoni.com

# Il-Bandist


Ghaqda Muzikali Immakulata Kuncizzjoni ~ A.D.1979
5, Pjazza Kappillan Muscat, Hamrun. HMR1880. Tel:21248952
http://www.bandakuncizzjoni.com
http://bandakuncizzjoni.hi5.com



**Harga Nru. 36**
**Settembru ~ 2010**


### Kelmtejn ta' l-Editur

Festa għaddiet b'wiċċ il-ġid u dan grazzi għax-xogħol ta' ħafna voluntieri li jiddedikaw ħin sabiex jorganizzaw il-festa tar-raħal tagħna. Progetti kellna u wettaqnihom kif imhabbar u dan jimlina b'kuragg għax nafu li dak li nwegħdu, meta jkun proġġett bil-ħsieb u bil-ghaqal tasal biex twettqu u twettqu sew.

> "Grazzi lil kull min ħadem... "

Apparti l-avveniment tal-festa kellna avveniment ta' niket , qed nirreferi għall-mewt tal-President Emeritus Prof. Guido de Marco li wkoll kien jokkupa l-kariga ta' President Onorarju tas-socjeta` taghna.

F'din il-harga tista` ssib xi informazzjoni oħra dwar il-progetti li hemm fil-pipline u attivitajiet li wettaqna u li għad iridu jigu.

INTI tista tkun ta' utilita` kbira. Dawk kollha li jixtiequ jirreklamaw jew jiktbu xi artikli huma mħeġġa sabiex jibagħhu l-materjal tagh-hom fuq l-E-mail t'hawn taħt jew jiktbu ittra u jindirizzawha "Editorjal il-Bandist" fl-indirizz t'hawn fuq. Grazzi mill-qalb


*E-Mail ~ bandakuncizzjoni@hotmail.com*



**Bord Editorjali**
Josef Spiteri
Salvinu P. Zammit
Kevin Tanti

**Proof Reading**
Kevin Tanti

**Hajr**
Helpers li jqassmu l-fuljett

Dan il-fuljett gie mitbugh bl-approvazzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv.

**Sezzjoni Reklamar**
**Cempel fuq**
**99881876**

**V/O 0194**

**© Ghaqda Muzikali Immakulata Kuncizzjoni Hamrun**

# Mid-Djarju tal-Kumitat

Mid-Djarju tal-Kumitat

Il-bar tas-socjeta` ħa dehra ġdida u friska wara li l-barman s-sur Freddie Ellul biddel xi ftit is-setup tal-bar. Daħħal is-sistema tal-cable u s-sistema tal-big screen fejn intwerew diversi logħob tat-tazza tad-dinja 2010. Inxtara bank ġdid tal-friza sabiex il-bar ikun aktar atrezzat u l-klijenti jkunu moqdijin aħjar. Bi qbil mal-kumitat sar kuntratt ta' 5 snin mal-barman attwali biex b'hekk nassiguraw li jkollna barman tajjeb kif jixraq li jkollu kazin bħal tagħna.

Fil-festa saru l-attivitajiet hekk kif ippjanati. Ftaħna il-festa tagħna bir-repo lill-membri tas-socjeta`. Hawn hekk stedinna ukoll il-partecipanti tal-konkors Pozeija ghat-tfal fejn ukoll ingħataw ċertifikati ta' parteċipazzjoni u premjijiet lir-rebbieħa. F'dan ir-repo tbierku l-vetrina l-ġdida tal-istrumenti u t-turġien bl-irham. Apparti hekk kellna xi preżentazzjonijiet fosthom token ċkejken tal-25 anniversarju mill-miġja tal-vara fostna lis-sur Randoloph Scerri u Ink-watru tal-vara lill-Patri Marcelina OFM Cap.

Komplejna bir-repo li nsejħulu tal-VIP fejn fost l-oħrajn onorawna bil-preżenza tagħhom L-Onorevoli Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni flimkien ma' diversi membri parlamentari u persuni distinti u għaqdiet mill-Ħamrun. F'dan ir-repo kellna prezentazzjoni lis-sinjuri Joseph Pisani u Mario Caruana, Marċ minn sezzjoni tal-grupp Armar u platt mis-sur Mario Caruana.

Is-Sibt 27 ta' Gunju 2010 il-kumitat ħa sehem fil-quddiesa tal-ħrug tal-vara min-niċċa.

It-Tnejn 29 ta' Gunju, il-kumitat attenda għall-repo organizzat mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar fil-parroċċa tagħna.

It-Tlieta 30 ta' Gunju, beda x-xogħol fuq it-tiżjin tal-faccata tal-każin

L-Erbgħa 1 ta' Lulju, kompla x-xogħol fuq it-tiżjin tal-faccata u bdiet it-tħejjija għall-Programm Vokali u Strumentali tal-Hamis. Il-Hamis ġurnata xogħol minn diversi membri tal-kumitat sabiex nippreparaw għall-kunċert ta' fil-

... Tkompli għall-pagna 6



... Tkompli minn Pagna 6

## Aggornament tat-tessera

**Nixtiequ naġġornaw id-dettalji tal-membri tagħna sabiex inżommu lista tal-membri aġġornata kemm jista` jkun. Għalhekk dawk il-membri li kellhom xi tibdil fl-indirizz nitolbuhom sabiex javżawna. Inheggu lil dawk kollha li ghandhom e-mail sabiex jagħtulna biex ċirkolari u pubblikazzjonijet oħra nibdew nibagħtuhom b'e-mail ukoll. Dan biex niffrankaw il-flus tal-posta u nħaffu l-proċess tat-tqassim tal-karti tagħna. Nistiednu lil kulħadd sabiex jikkopera magħna**

**SHUBIJA GHALL-MEMRU GDID**

Isem Kunjom ____________________

Indirizz ____________________

ID.Card __________ Tel: __________ Mob: __________

Proponent ____________________

Firma ____________________

Sekondant ____________________

Firma ____________________

# Mid-Djarju tal-Kumitat

*... Tkompli minn Pagna 2*

għaxija. Kunċert li kien għal sena oħra, varjat u sabiħ. Ħadu sehem b'mod impekkabbli s-sopran Rosabelle Bianchi u s-sur Giacomotto fuq il-pipes. Ħadu sehem ukoll il-Kor San Frangisk li akkumpanja l-innijiet. Waqt dan il-kunċert intwera feature dettaljat tal-vara titulari tagħna u l-istorja tagħha.F'dan il-kunċert kellna preżentazzjonijiet lil Patri Gwardjan, s-sur Sunny Aquilina, Charles Giacomotto, Alfred Micallef, Ray Azzipardi, u lis-surmastriijet tas-socjeta`. Ovvjament fl-aħħar ingħalaq bil-ħruq tal-kaxxa tal-kulur mill-bejt tal-kazin. Wara l-kunċert sar il-marċ. L-għada l-Ġimgħa sar marċ ieħor li spiċċa bil-preżentazzjoni tal-fjuri f'ħoġor l-istatwa tal-ġebel tal-Madonna biswit il-knisja. Is-Sibt marċ ieħor sabiħ li wassal il-folla għall-ħruq tan-nar tal-art ħdejn il-knisja u l-Ħadd filgħodu erġajna ferraħna lill-parruccani bid-daqq tal-marci brijjużi waqt il-marċ ta' filghodu. Dan ħareg fl-10:30am wara li l-kumitat attenda għall-quddiesa l-principali tal-festa. It-Tnejn imbgħad erġajna ltqajna sabiex nirringrazzjaw l-Alla għall-festa sabiħa li kellna.

Wara li għaddiet il-festa saret l-ewwel laqgha tal-kumitat fejn hemm iddiskutejna dak kollu li kellu x'jaqsam mal-andament tal-festa titulari tagħna. Ħsibna fejn morna tajjeb u fejn stajna rrangajna sabiex festa oħra tkun aħjar.

Komplejna naraw xi proġetti hemm xi jsiru fosthom il-Puġġaman tat-taraġ t'isfel li maħsub li sa Diżembru li ġej ikun lest u mwaħħal biex jitgawda.

Kellna diversi stediniet minn soċjetajiet oħra fil-Ħamrun li attendejna għalihom fl-okkażjoni tal-festa ta' San Gejtanu. Barra dawn attendejna ukoll għa diversi repojiet kuncċrti u attivitajiet oħra fosthom wirja ta' Standardi organizzata mill-Ghaqda Mużikali Sta. Marija ta' Had Dingli. Fl-aħħar izża mhux l-anqas attendejna ukoll għall-Funeral statali li sar lill-President Emeritus u President Onorarju tal-każin tagħna Profs. Guido de Marco. (Aktar dettalji f'pagna 3)

*... Tkompli ghall-pagna 7*



# Profs. Guido de Marco l-ahhar tislima



Il-ġurnata tat- tnax t'Awwissu 2010 nikktitna. Nikktet lil Malta kolllha u mhux anqas lilna tal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni Ħamrun. F'din il-ġurnata miet il-Professur Guido Demarco, President Emeritus ta' Malta. Il-Professur Demarco kien ukoll Prsident Onorarju tas-socjeta tagħna. Il-ġurnata tad-29 t'Awwissu 2004 għalina hi speċjali. Dak in-nhar ftaħna uffiċjalment il-każin tagħna. Kien Il-Professur Guido Demarco, li fetaħ uffiċċjalment dan il-każin. Iżda min kien il-Professur Demarco?

Twieled fit-22 ta' lulju 1931 minn Emmanuele u Giovanna nee Raniolo fil-Belt Valletta. Studja fl-iskola ta' St Joseph, il-Kulleġġ San Alwiġi u wara fl-universita ta' Malta minn fejn kiseb baċellerat ta' l-arti fil-filosofija, taljan u ekonomija. Fis-sena 1955 iggradwa bħala avukat. Fil-karriera legali tiegħu kellu suċċess kbir fejn spikka f'diversi ġurijiet li iddefenda. Għal xi żmien ħadem ukoll fl-uffiċju ta' l-avukat ġenerali. Kien ukoll lecturer regolari fl-Universita ta' Malta. Ikkontesta b'suċċess kull elezzjoni bejn l-1966 u -1998 f'isem il-Partit Nazzjonalista. Serva bħala Viċi Kap tal -Partit Nazzjonalista bejn 1977 sa 1999 u qabel serva fil-kariga ta' segretarju ġenerali ta' l-istess partit. F'April ta' 1999 ġie elett bħala President tar-Repubblika ta' Malta, kariga li żamm sa l-4 t'April 2004. Minbarra suċċess fix-xena lokali, Dr Demarco għamel suċċess ukoll fix-xena internazzjonali, bl-aktar notevoli kien meta nħatar President tal-assemblea ġenerali tal-Ġnus Magħquda bejn l-1990 u 1991. Dr Demarco ħadem ħafna għall-paċi fil-Lvant Nofsani. Konferma ta' kemm il-Professur Demarco kien stmat u maħbub narawha fil-funeral tiegħu, li għalih attendew ammont kbir ta' nies fosthom il-President tal-Kuwait , Suha Arafat, u diveri ambaxxaturi. Artikolisti u kittieba Maltin minn kull sfera politika faħħru lill-Professur Demarco tal-ħidma li wettaq . Fis-sena 2007, Dr Demarco ippublika l-awtobiografija tiegħu " The Politics of Persuasion" , ktieb li hu iddedikah lil martu Violet. Il-Professur Guido Demarco kien miżżewweġ lil Violet u kellhom tlett itfal, kollha avukati, Gianella, Fiorella u s-segretarju parlamentari Mario. Minn din il-kolonna nagħtuhom il-kondoljanzi tagħna

***B'tifkira*** (Guido de Marco) minn Kevin Tanti

Rajtek Malta tibki b'niket,
id-dmugħ rajt ma' wiċċ uliedek
bir-raġun qed tibki bniedem
li f'ħajtu ħa sewwa ħsiebek

Minn żogħżitu huwa ħadem
sabiex f'Malta jġib il-progress
qatiegħ ħadem u irnexxa
anke jekk bata huwa stess

Għal Malta kollha hu ħadem,
qatt ma ħares lejn kuluri,
fl-isfera nternazzjonali
'il pajjiż ħareġ bl-unuri

Bit-tbissima l-ġenna qiegħed
bit-tbissima li niftakruh
Żgur li aħna l-Maltin kollha
ser nibqgħu lilu insemmuh

Mill-Vetrina

*...minn Kevin Tanti*

# Il-Kappella tal-Kunċizzjoni f'Birżebbuġa

L-imħabba u l-qima li tgawdi l-Immakulata Kunċizzjoni fil-gżejjer Maltin nistgħu narawh mill ammont ta' knejjes u kappelli ddedikati għaliha. Minbarra l-Parroċċi tal-Ħamrun u ta' Bormla, nsibu bosta kappelli u knejjes oħra, l-aktar fl-irħula li huma ddedikati għall-Immakulata Kunċizzjoni.
F'Birżebbuġa, fil-limiti ta' Bengħajsa nsibu waħda minn dawn il-kappelli. Din il-kappella nsibuha ftit il-bogħod minn Għar Ħasan.

Kienet is-sena 1823 meta Dun Ġakbu Gauci talab lill Isqof Ferdinando Mattei (li mexxa dawn il-gżejjer bejn 1807 u 1831) sabiex fuq art propjeta ta' l-istess saċerdot tkun tista' tinbena din il-kappella, li minn naħa tiegħu laqa din it-talba b'digriet fil-25 t'April ta' l-istess sena. Dan is-saċerdot talab li jkun jista' jqaddes f'din il-kappella nhar ta' Ħadd u fil-festi.

Bejn is-sena 1861 u 1862, din il-kappella inbniet mill-ġdid u tkabbret. F'dak iż-żmien kellha r-rettur tagħha Dun Ġużepp Cauchi u kienet imbierka mill-Isqof Gaetano Pace Forno f'Jannar 1862. L-Arċċisqof Mikiel Gonzi (Arċisqof bejn 1943 u 1976), laqa t-talba tar-rettur sabiex fil-kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni jibda' jinżamm is-Sagrament fix-xahar t'Ottubru, fit 8t'ijiem tal-eżercizzi spiritwali u f'jiem il-festa u t-tridu.

Il-kappella għandha faċċata sempliċi u hija mibnija forma rettengulari. Is-saqaf jistrieħ fuq ħames arkatili jitilgħu minn fuq ċinta għolja fil-ħitan tal-ġenb. Fil-kappella ta' l-Immakulata Kunċizzjoni hemm artla wieħed li hu magħmul mill-ġebel. Fil-ġenb ta' artal hemm 2 bibien li jwasslu għas-sagristija. Fuq il-bibien hemm 2 kwadri, wieħed ta' San Ġużepp u l-ieħor tad-Duluri. Ma jistax jonqos li nsibu ukoll il-Via Sagra.



Fuq il-kampnar nsibu qanpiena li kienet nxtrat minn Michele Schembri fl-1947

Fl-1993 din il-kappella għaddiet taħt it-tmexxija tal-Parroċċa ta' Birżebbuġa.
Dun Pietru Pawl Saydon (1895-1971) kellu rabta speċjali ma' din il-kappella. Dan għaliex ħafna mix-xogħol ta' Saydon (traduzzjoni tal-bibbja sar f'din il-kappella. Kien ukoll wara omelija li għamel f'din il-kappella ,li Saydon kien issospendut wara li kien qal xi kleim fi żmein il-ġlieda politika-reliġjuża

Fiż-żminijiet tallum din il-knisja għadha tiffunzjona b'mod attiv u jkun hemm quddies fiha b'mod regolari. Fiha jistgħu isiru żwiġijiet bir-rit katto-liku.





